MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 934/2011

**Joseph Camilleri Bowman
ID 298251M**

**Vs**

**Vladimir Soprunorsky**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-1 ta' Novembru, 2011 fejn il-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' elfejn sitt mija erbgha u hamsin ewro (€2,654) liema somma tirrapprezenta servizzi professjonali rezi mill-konvenut li baqghu ma gewx imhallsa. Dok B anness mat-talba.

Illi l-konvenut gie nterpellat biex ihallas l-istess izda' baqa'.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet odjerni u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-servizz sal-pagament effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta' Gunju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija erbgha u hamsin ewro (€2,654) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------